MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2009

Talba Numru. 445/2009

**E T V Ltd**

**vs**

**Abela Rachel**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-11 ta' Gunju tas-sena 2009 fejn intalab sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mija u sebgha u sittin ewro (€167) rapprezentanti bilanc ta' prezz fuq washing machine mibjugha lill-konvenuta. Bl-imghax legali dekorribli mill-1 ta' Lulju, 2008 u bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra bonarja datata 25 ta' Mejju, 2009.

Ra li l-konvenuta ghalkemm legalment notifikata baqghet ma pprezentat ebda kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Sema' lil Dr. Maria Theresa Scerri tixhed bil-gurament ghan-nom tas-socjeta' attrici fejn ikkonfermat illi fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-konvenuta kienet hallset somma akkont ta' mitt ewro (€100) u ghalhekk anke kif jirrizulta min-nota pprezentata minnha fl-10 ta' Lulju, 2009, il-bilanc li ghandu dovut mill-konvenuta lis-socjeta' attrici kien dak fl-ammont ta' sebgha u sittin ewro (€67), liema bilanc kien ghadu ma thallasx sal-gurnata tal-lum. Gie notat illi l-konvenuta meta regghet issejhet baqghet ma dehritx.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi fuq il-provi migjuba da parti tas-socjeta' attrici u fuq nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tal-konvenuta, qieghed jilqa' t-talba attrici kif dedotta u kif ridotta fl-ammont ta' sebgha u sittin ewro (€67). Konsegwentament ghalhekk jikkundanna lill-istess konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' sebgha u sittin ewro (€67). Bl-imghax legali dekoribbli mid-data tal-prezentata tal-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza kif rikjesti a karigu tal-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------